A.L. 22 ta' l-2005

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
(KAP. 327)

L-Ordinamenti ta' l-2005 skond ir-Regolamenti Generali ghar-Rikonoxximenti Universitarji sa l-Ewwel Grad ta' l-2004 ghall-Grad ta' Bachelor of Psychology (Honours) – B.Psy. (Hons) – taht il-patrocinju tal-Fakulta' tal-Edukazzjoni

BIS-SAHHA tas-setghat moghtija lilu skond l-artikoli 30(5) u 31(6) ta' l-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kancillier ta' l-Universita' ta' Malta ppromulga dawn l-ordinamenti maghmulin mill-Bord tal-Fakulta' ta' l-Edukazzjoni bis-sahha tas-setghat moghtija lilu skond l-artikolu 37(1) ta' dak l-Att u li gew approvati mis-Senat ta' l-Universita' ta' Malta kif jirrikjedi l-artikolu 37(2) ta' dak l-Att:

It-Titlu u l-Interpretazzjoni

1. (1) Dawn l-ordinamenti jistgu jissejhu bhala l-Ordinamenti ta' l-2005 skond ir-Regolamenti Generali ghar-Rikonoxximenti Universitarji sa l-ewwel Grad ta' l-2004 ghall-grad ta' Bachelor of Psychology (Honours) – B.Psy. (Hons) - taht l-patrocinju tal-Fakulta' ta' l-Edukazzjoni.

(2) F'dawn l-ordinamenti, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma tehtiegx mod iehor -

"il-Bord" tfisser il-Bord tal-Fakulta' ta' l-Edukazzjoni;

"il-Grad" tfisser il-grad ta' Bachelor of Psychology (Honours) – B.Psy. (Hons);

"il-Kors" tfisser il-programm tal-kors li jwassal ghall-grad ta' Bachelor of Psychology (Honours) – B.Psy.(Hons); u

"ir-Regolamenti Principali" tfisser ir-Regolamenti Generali ghar-Rikonoxximenti Universitarji sa l-Ewwel Grad ta' l-2004.

L-Applikabilita'

2. Dawn l-ordinamenti ghandhom japplikaw ghall-korsijiet li jibdew f' Ottubru 2003 jew wara.

L-Oqsma ta' Studju

3. Il-grad ta' Bachelor of Psychology (Honours) jinghata taht l-patrocinju tal-Fakulta' ta' l-Edukazzjoni, fil-Psikologija bhala qasam ta' studju Principali wahdieni bl-Unuri.

Ir-Rekwiziti Specjali ghad-Dhul fil-Kors

4. Biex ikunu rregistrati bhala studenti regolari fil-Kors, l-applikanti ghandhom, minbarra li jissodisfaw ir-rekwiziti generali ghad-dhul specifikati fir-Regolamenti ghad-Dhul, ikunu ghaddew mill-Bijologija bi Grad ~ jew ahjar fil-Livell Intermedju tal-Matrikola, sakemm dan ir-rekwizit specjali ma japplikax meta l-Psikologija tittiehed bhala qasam Principali Ordinarju f'kors ghal grad iehor.

It-Tul tal-Kors

5. Il-Kors jinfirex fuq medda ta' tliet snin ta' studju fuq bazi *full-time*.

Il-Programm tal-Kors

6. L-istudenti ghandhom jirregistraw u jiksbu l-kredti ghal taqsimiet studju li ghalihom hemm assenjati 180 kredtu, kif indikat fil-programm tal-kors ghall-Grad.

7. It-tielet sena tal-programm tal-kors ghandha tinkludi taqsimiet studju sinottici li ghalihom hemm assenjat total ta' 28 kredtu.

8. Il-Bord ghandu jippubblika l-programm ta' studju ghall-Kors, imhejji skond il-provvedimenti rilevanti tar-Regolamenti Principali, u approvat mis-Senat qabel il-bidu ta' kull Kors. Suggett ghal xi tibdil li l-Bord jista', bl-approvazzjoni tas-Senat, ikollu jaghmel, l-istudenti huma marbuta li jsegwu dawk it-taqsimiet studju u jiksbu l-kredti skond kif indikat fil-programm ta' studju.

Il-Klassifikazzjoni tar-Rikonoxximent

9. Il-Marka Medja Finali Mwiezna ghall-klassifikazzjoni tal-Grad ghandha tkun ibbazata fuq ir-rizultati miksuba fit-tliet snin tal-Kors, li jkollhom dan il-piz:

Marka Medja ta' l-Ewwel Sena	25%
Marka Medja tat-Tieni Sena	25%
Marka Medja tat-Tielet Sena ghat-taqsimiet studju sinottici	35%
Marka Medja tat-Tielet Sena ghat-taqsimiet studju l-ohra	15%.